MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2009

Appell Kriminali Numru. 236/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Antoine Ellul**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Antoine Ellul talli fit-30 ta' Ottubru 2007 ghall-habta ta' 18:45 fi Triq San Mattew, Qrendi, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, billi ghamel hsara fuq il-vettura tal-marka Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni GAH 717, liema hsara teccedi l-hamsin lira izda mhux il-hames mitt lira, u dan ghad-dannu ta' Patrick Aquilina minn Birzebbugia.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija, apparti l-piena kkontemplata mil-ligi, tapplika l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta a favur ta' l-istess Patrick Aquilina;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Lulju 2008, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Antoine Ellul hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446 illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena u li fi zmien xahar ihallas lill-parte civile Patrick Aquilina s-somma ta' mija erbgha u ghoxrin euro u sittax-il centezmu (€124.16);

Rat ir-rikors ta' appell ta' Antoine Ellul ipprezentat fit-23 ta' Lulju 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u dan billi tilliberah lill-imputat minn kull piena u imputazzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) l-ewwel Qorti ma ghamlitx apprezzament tajjeb tal-provi; (2) l-akkuza kif dedotta hi nulla stante li huwa gie akkuzat li kiser l-artikolu 325(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta meta dan l-artikolu kif hekk deskritt ma jezistix.

Kwantu ghat-tieni aggravju, jinghad mill-ewwel li l-appellant m'ghandux ragun peress illi ghalkemm l-imputazzjoni hi bazata fuq l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta – ossia l-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 325 tal-Kap. 9 – skond is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kap. 9 **"ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw."** Jigifieri mhuwiex mehtieg *ad validitatem* li c-citazzjoni jkun fiha wkoll l-artikolu jew artikoli tal-ligi li

taghhom jkun qieghed jigi allegat il-ksur. Ghalhekk it-tieni aggravju ta' l-appellant qieghed jigi michud.

L-ewwel aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi u, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

L-appellant jghid li meta gie mistoqsi biex imur l-ghassa tal-Pulizija, hu ghamel dan minnufih u spjega lis-surgent li ghamel ir-rapport li dakinhar kien hareg mid-dar ta' ommu fi Triq San Mattew, il-Qrendi, u mar jigri. Pero` s-surgent nizzel biss li l-appellant hareg mid-dar fi Triq San Mattew. Ghalhekk fil-hin ta' l-incident hu kien qieghed jigri Hagar Qim kif baqa' jsostni anke fix-xiehda tieghu. Skond l-

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

appellant, l-ewwel Qorti naqset ukoll tiehu in konsiderazzjoni x-xiehda ta' Karmenu Farrugia li xehed kif dakinhar ta' l-allegat incident kien ra lill-appellant jigri Hagar Qim.

Issa, ghalkemm l-appellant xehed quddiem l-ewwel Qorti li kien qieghed jigri fil-limiti ta' Hagar Qim, mill-istqarrija li huwa rrilaxxja lill-Ispettur Joseph Agius jirrizulta illi huwa cahad li kellu xi incident ma' Patrick Aquilina u, fuq mistoqsija li l-imsemmi Patrick Aquilina "ghamel rapport fl-Ghassa taz-Zurrieq li inti fit-30 ta' Ottubru 2007 ghall-habta ta' 18.45 hrs, waqt li hu kien ghaddej bil-vettura tieghu Escort nru tar-registrazzjoni GAH 717, minn Triq San Mattew, Qrendi, inti waddabt oggett iebes u kissirtlu l-hgiega tal-vettura li tqum madwar Lm53. X'ghandek xi tghid dwar dan ir-rapport?" l-appellant wiegeb biss: "Jien ma nistax nghid li jien. Ahna qatt ma tlewwimna. Jien ma kissirtlu l-ebda hgiega." Jigifieri ma jirrizultax illi semma lill-ufficjal investigattiv li fil-hin ta' l-incident kien qieghed jigri Hagar Qim. U meta xehed P.S. 386 Joe Cauchi, dan qal li meta cempel lill-appellant biex imur ikellmu l-ghassa, "dan qalli li kien ghadu kemm hareg mid-dar tieghu fi Triq San Mattew, il-Qrendi". Hawn ukoll ma jidhirx illi l-appellant qal lis-surgent li kien qieghed jigri Hagar Qim. Kwantu mbaghad ix-xiehda ta' Karmenu Farrugia, kull ma jghid dan ix-xhud hu li jiltaqa' ma' l-appellant kuljum jigri fit-triq ta' Hagar Qim – ma jghidx li ltaqa' mieghu fil-gurnata ta' l-incident in kwistjoni, u wisq anqas ma jsemmi l-hin li solitament jiltaqa' ma' l-appellant. Jigifieri, kuntrarjament ghal dak li jghid l-appellant fir-rikors ta' appell tieghu, mill-provi jirrizulta li huwa semma li kien qieghed jigri fil-limiti ta' Hagar Qim meta xehed quddiem l-ewwel Qorti biss.

L-appellant jghid ukoll illi minn ezami tax-xiehda ta' Patrick Aquilina, dan kien qed isuq u mhuwiex verament probabbli li ra lill-appellant iwaddab xi oggett lejn il-karozza tieghu, iktar u iktar meta dan l-oggett laqat il-hgiega tal-bieba ta' wara tax-xellug tal-karozza ta' Aquilina. Skond l-appellant dan ifisser li Aquilina kien diga` ghadda bil-vettura minn hdejn is-sors li minnu allegatament twaddab dan l-oggett. Inoltre, ikompli l-appellant, fl-ewwel parti tax-xiehda tieghu, Aquilina xehed

li “waqt li kien ghaddej xi hadd tefa’ xi haga lejn il-vettura tieghu”, u kien biss wara, fi stadju aktar avvanzat tax-xiehda tieghu, illi b’mod stramb ghall-ahhar sahaq li kien ra lill-appellant iwaddab dan l-oggett. L-appellant isostni illi fatt daqstant importanti kellu jixhdu fil-bidu tax-xiehda tieghu.

Din il-Qorti ezaminat ix-xiehda traskritta ta’ Patrick Aquilina u minnha jirrizulta illi l-istess Aquilina mill-ewwel qal li kien l-appellant li “hareg mill-bieb ta’ barra u tefaghli xi haga ghal mal-karozza”. Inoltre ma seta’ jkollu l-ebda dubju li kien l-appellant li kien tefaghlu xi haga peress illi, kif jixhed Aquilina, l-appellant “baqa’ gej jigri wara l-karozza u beda jghajjat biex nieqaf u ninzel ghall-glied u anki beda jidghi”.

L-appellant jghid illi l-konflitt fil-verzjonijiet, li ghalih anke rreferiet l-ewwel Qorti, jitfa’ dubju fuq il-htija o meno ta’ l-appellant.

Pero`, ix-xiehda ta’ xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar[2]. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Thorne** tad-9 ta’ Lulju 2003, **“mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f’kaz ta’ konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f’hiex ser temmnu jew ma temmnux”.** [3]

L-ewwel Qorti effettivament qalet fis-sentenza taghha illi **“minn ezami ta’ l-atti, u anke wara li kellha l-opportunita` tara l-komportament ta’ l-imputat waqt id-deposizzjoni tieghu, hija konvinta li l-fatti graw kif rakkontati mill-*parte civile* u li minkejja l-konflitt fil-**

[2] Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9.
[3] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

**verzjonijiet tista' taghti kredibilita` lill-verzjoni moghtija mill-parti leza."**

F'dawn ic-cirkostanzi u fid- dawl ta' l-osservazzjonijiet fuq maghmula, din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex tiddipartixxi mill-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan illi l-perijodu ta' sena ta' liberazzjoni kondizzjonata jibda jiddekorri millum u l-perijodu ta' xahar biex isir il-hlas ta' €124.16 lil Patrick Aquilina jibda wkoll jiddekorri millum. Din il-Qorti fissret lill-hati Antoine Ellul bi kliem li jiftiehem sew skond l-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jinghata sentenza ghar-reat originali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------